# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta (6) ta' Ġunju 2023**

**Rikors Numru 1461/2001 FDP**

Fl-ismijiet

**Emanuel Sant (ID 665434)**
**Mary Sant (ID 527642M) qed tassumi l-atti u permezz ta' digriet tat-22 ta' April 2021, l-atti ġew trasfużi f'isimha**

**Vs**

**Andrew Schembri u Christopher Sant**
**Personalment u in rappreżentanza tas-soċjeta' Sea Star Cruises Company Limited**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta' Awissu 2001, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

   *Billi fil-lejl ta' bejn is-7 u 8 ta' Settembru 2000, il-lanċa tas-sajd tal-istanti, SANTA MARIA Nru F75, sfat distrutta bin-nar li għadda għal fuqha mill-lanċa tal-konvenuti, il-COMINO PRINCESS, meta ż-żewġ laneċ kienu marbuta fejn xulxin, fil-Vecca, San Pawl il-Baħar, bil-lanċa COINO PRINCESS fuq il-lemin tal-F75.*

   *Billi n-nar fuq il-COMINO PRINCESS issuċċieda minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti da' parti tal-*

*konvenuti u wkoll huma responsabbli li nar fil-propjeta tagħhom għadda għall-propjeta' ta' ħaddieħor, ċioe l-istanti bla ħtija ta' dawn.*

*Billi l-konvenuti huma responsabbli versu l-istanti, responsabbli "in solidum" għad-danni kollha li soffrew, konsistenti fil-ħruq tal-lanċa F75, bl-istrumenti u għodda fuqha u dawn konsistenti f'telfien ta' xogħol.*

*Billi interpellati biex jagħmlu tajjeb għad-danni, il-konvenuti qed jiċħdu kull responsabbilta'.*

*Jgħidu l-konvenuti għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjarahom, għar-raġunijiet imfissra, responsabbli għan-nar li minnu soffriet il-lanċa tal-istanti u għad-danni li kkaġuna l-istess nar, liema responsabbilta' hija "in solidum".*

2. *Tillikwida d-danni okkorrendi bl-opera ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-istanti, "in solidum" bejn il-konvenuti, id-danni hekk likwidati u dikjarati dovuti.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi Lm11.50 tal-ittra bonarja u konsult, dawk tal-Ittra Uffiċjali tas-16 ta' Lulju 2001 (b'żewġ notifiki) u bl-imgħax skond il-Liġi kontra l-konvenuti, "in solidum" li huma minn issa msejjħa għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' Novembru 2001 l-intimati irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-tabiet attriżi huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta' l-eċċipjenti kollha billi mhux veru li n-nar u l-inċident in kwistjoni ġara minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza jew inosservanza tar-regolamenti da' parti tagħhom.*

   2. *Illi l-eċċipjenti ma għandhom ebda ħtija għall-akkadut, la għan-nar li żviluppa fuq il-COMINO PRINCESS u wisq inqas għall-ħruq fuq il-lanċa ta' l-atturi.*

   3. *Illi bla preġudizzju għas-sueċċepit, il-ħsara imsemmija mill-atturi ġrat b'aċċident jew forza maġġuri u għalhekk għandu jbagħtiha minn ġarrabha.*

   4. *Illi f'kull każ, u bla preġudizzju għas-sueċċepit, ma hemm ebda solidarjeta bejn l-eċċipjenti. L-atturi għandhom jindikaw id-disposizzjoni legali, jew ftehim espress, li fuqhom qed jibbażaw il-pretensjoni ta' solidarjeta' bejn il-konvenuti.*

5. *Illi konsegwentement, it-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

**Provi:**

3. Rat ix-xhieda ta' **Emmanuel Sant** tal-4 ta’ Frar 2002 (fol 16).

4. Rat li fit-13 ta' Ġunju 2002, din il-Qorti diversament preseduta, fuq talba tal-partijiet innominat lill-Professur Joseph Agius PHD, bħala espert tekniku, u bħala perit legali lil Dr. Joseph M. Buttigieg (fol 22).

5. Rat li permezz ta' nota ippreżentata fid-9 ta' Settembru 2005, l-attur eżebixxa prospett ta' danni (fol 41).

6. Rat ir-rapport tal-perit legali u tal-perit tekniku, ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2007 (fol 138).

7. Rat il-konklużjonijiet tal-abbli Periti tal-Qorti, partikolarment il-parti dwar il-kostatazzjonijiet (fol 147 sa 180).

8. Rat illi fis-17 ta’ Ġunju 2008, l-intimati ppreżentaw rikors few iddikjaraw illi kienu aggravati mir-rapport tal-esperti legali u talbu għal ħatra ta’ periti addizzjonali.

9. Rat li din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Ottubru 2009, ħatret periti addizzjonali lil Dr Robert Mangion, il-Professur Alfred Vella u Dr Veronica Galea Debono (fol 425A).

10. Rat li wara r-rikors tal-Professur Alfred Vella, ippreżentat fid-19 ta' Frar 2010, permezz ta' digriet tal-4 ta' Mejju 2010, din il-Qorti diversament ippreseduta ħatret lill-inġinier Paul Cardona minflok l-Professur Alfred Vella (fol 435).

11. Rat li fit-13 ta' Novembru 2012, din il-Qorti diversament preseduta issostitwiet lill-Imħallef Robert Mangion b’ Dr Domnic Cassar.

12. Rat li fl-20 ta' Novembru 2012, din il-Qorti diversament preseduta ħatret lill-Inġinier Vince Muscat sabiex jissostitwixxi lill-Inġinier Paul Cardona (fol 446).

13. Rat li in segwitu għar-rikors tant perit ġudizzjarju Dr Domnic Cassar, ippreżentat fil-5 ta’ Jannar 2015, tappunta lill-Inġinier Kurt Gutteridge, in sostituzzjoni ta’ l-Inġinier Vincent Muscat (fol 461).

14. Rat li permezz ta' digriet tat-28 ta' Mejju 2015, ta' din il-Qorti diversament preseduta, ġie maħtur l-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi, bħala espert legali komponenti l-istess tribunal peritali (fol 469).

15. Rat li dan il-każ ġie kkanċellat fl-14 ta' Ġunju 2016, minn din il-Qorti diversament ippreseduta (fol 476).

16. Rat li mar-rikors ippreżentat fis-17 ta’ Ġunju 2016, permezz ta' digriet datat 17 ta’ Ġunju 2016, din il-Qorti diversament ippreseduta irriappuntat il-kawża (fol 480).

17. Rat li permezz ta' digriet tal-21 ta' Novembru 2017, ta' din il-Qorti diversament preseduta, il-Qorti ssostitwiet lil Dr Veronica Galea Debono bl-avukat Dr Patrick Valentino (fol 488).

18. Rat illi fis-7 ta’ Ottubru 2019, din il-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti.

19. Rat in-nota tal-konvenuti pro et nomine ippreżentata fil-15 ta' Ottubru 2019, li permezz tagħha ġiet eżebita kopja ta' sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Jonathan Grech u George Grech*** deċiża fid-29 ta' April 2019 (fol 497) u ppreżentata fl-intjier tagħha fit-3 ta’ Mejju 2022 (fol 550 sa 570).

20. Rat li fl-14 ta' Novembru 2019, il-Qorti osservat li l-kawża ilha pendenti għall-periti perizjuri u għar-rapport tagħhom, mis-sena 2008. Dr Domnic Cassar irrileva, li d-diffikulta prinċipali kienet dwar espert tekniku, huwa laħaq ġabar xi provi iżda, ikun opportun li din il-Qorti tirrevoka l-inkarigu tal-periti perizjuri, u tordna li l-inkartament u x-xhieda jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti.

21. Rat illi fl-14 ta’ Novembru 2019, il-Qorti, tenut kont tal-fatt li kawża ilha pendenti tmintax il-sena, irrevokat l-inkarigu tal-periti perizjuri, u ordnat li l-provi miġbura jiġu eżebiti quddiem il-Qorti.

22. Rat li in segwitu għar-rikors tal-konvenuti proprio et nomine tas-27 ta' Diċembru 2019, u b’digriet tas-27 ta' Jannar 2020, din il-Qorti kif ippreseduta <u>awtorizzat lill-intimat</u> iħarrek lil Joswil Galea u lill-Aġent Kummissarju Carmelo Magri (fol 523).

23. Rat li wara li r-rikorrent miet fil-mori ta' din il-proċedura, ġie ppreżentat rikors ta' Mary Sant tat-22 ta' Frar 2021, għal-leġittimazzjoni tal-atti, u għat-trasfużjoni tal-ġudizzju (fol 532), li ġie akkordat fit-22 ta’ April 2021.

24. Rat li fit-22 ta' April 2021, il-Qorti laqgħet it-talba kif dedotta, u ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju tal-atti minn Emanuel Sant għal Mary Sant.

25. Rat illi fl-10 ta’ Ġunju 2021, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti jiġu awtorizzati jħarrku lil Jonathan Grech, sabiex jirregolaw ruħhom dwar possibbli kjamat in kawża tiegħu (fol 538).

26. Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Rivans, rappreżentant tal-Identity Malta, mogħtija fit-2 ta' Frar 2022 (fol 545).

27. Rat li fit-3 ta' Mejju 2022, wara li din il-Qorti osservat illi l-kawża ilha pendenti għal wieħed u għoxrin sena u aktar xhieda ma ġew imressqa mill-intimati, għalkemm r-rikorrenti ippruvaw iħarrku lill-Jonathan Grech, iżda dana ma deherx, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi bħala magħluqa u l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

28. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur ippreżentata fit-12 ta' Lulju 2022 (fol 572).

29. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ippreżentata fit-8 ta' Novembru 2022 (fol 575).

30. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2022, il-konsulent legali ta' l-intimati talab illi jittratta oralment.

31. Rat illi fil-21 ta' Frar 2023, meta ssejjħet il-kawża għat-trattazzjoni finali, l-abbli difensur ma' l-intimati ma deherx, u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

**Fatti tal-każ**

32. Jirriżulta li fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2000, il-lanċa tas-sajd bl-isem ***Santa Maria*** numru F75, proprjeta ta' Emanuel Sant, sfat distrutta bin-nar li għadda minn fuqha mil-lanċa tal-intimat bl-isem Comino Princess, meta ż-żewġ laneċ kienu marbutin fejn xulxin fil-Veccja f'San Pawl il-Baħar.

33. Jirriżulta li l-atturi sostnew li l-intimati huma responsabbli *in solidum* għad-danni kaġunati sofferti konsistenti fil-ħruq tal-lanċa Santa Marija numru F75.

34. Jirriżulta li il-lanċa ***Comino Princess***, proprjetà tal-intimati, bdiet topera f'Ġunju 2000, u fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2000, il-lanċa intrabtet mal-moll għall-ħabta ta' nofs il-lejl.

35. Jirriżulta, li xi ħin wara is-sagħtejn (2a.m.) ta' filgħodu, Louis Ellul, kien ikkomunika ma' Christopher Sant li l-lanċa kienet qed taqbad. Christopher Sant informa lil Andrew Schembri. Meta mar fuq il-post, il-lanċa kienet qed taqbad. Meta waslu l-Protezzjoni Ċivili, ippruvaw jitfu n-nar iżda bla suċċess. Minbarra il-lanċa *Comino Princess*, il-lanċa tas-sajd *Santa Maria* proprjeta' ta' Emanuel Sant, kienet qed taqbad ukoll.

36. Jirriżulta li l-intimati irreferew għall-inċident li kellhom fl-14 ta' Awissu 2000 ma' George Grech.

37. Jirriżulta li George Grech kien kompetitur tagħhom fix-xogħol tal-ġarr ta' turisti, u minħabba l-inċident tal-14 ta' Awissu 2000, fejn iben George Grech, Jonathan Grech hedded li jkissrilhom il-lanċa, u kien sar rapport lill-Pulizija dwar dan. Għalhekk, l-intimati qed jinkulpaw lil Jonathan Grech.

38. Jirriżulta li ġiet eżebita is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' April 2019, fl-ismijiet '***Il-Pulizija vs Jonathan Grech u George Grech***', fejn ma nstabux ħatja tal-akkużi fil-konfront tagħhom.

39. Jirriżulta li l-intimati sostnew li dakinhar tal-inċident kienu tfew id-dawl, u intfew il-'*main switches'* tal-lanċa Comino Express. Dan enfasizzawh peress li fl-inkjesta, kien issemma li l-'*main switches'* instabu mixgħula.

40. Jirriżulta li l-atturi bagħtu ittra uffiċjali tas-16 ta’ Lulju 2001 (fol 3) lill-konvenuti iżda dawn baqgħu inadempjenti.

## Ikkunsidrat

41. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi l-atturi, qegħdin, permezz tal-azzjoni preżenti, jitolbu li sofrew danni konsegwenza ta’ l-allegat responsabbilta tal-konvenuti, li in solidum għandhom jirrispondu għan-nar li ddistruġġa l-lanċa Santa Marija numru 75 u għad-danni u ħsarat ikkaġunati.

42. Minn naħa l-oħra, il-konvenuti eċċepew li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li mhuwiex minnu li dakinhar l-inċident in kwistjoni, ġara minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza, jew inosservanza tar-regolamenti da parti tagħhom. Ġie sostnut li l-konvenuti ma jaħtux għall-akkadut, u lanqas għan-nar li żviluppa fuq il-lanċa Comino Express, u wisq anqas fuq il-lanċa tal-atturi. Ġie eċċepit fil-fatt, li l-ħsara imsemmija ġrat b'aċċident jew forza maġġuri, għalhekk għandu jbatiha min ġarrabha. Inoltre`, ġie sostnut ukoll li ma hemm ebda solidarjetà bejn il-konvenuti u l-atturi, li għandhom jindikaw id-dispożizzjoni legali jew ftehim espress, li fuqhom qed jibbażaw il-pretensjoni ta' solidarjetà bejn il-konvenuti.

## Ir-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuti

43. Tramite ir-raba’ eċċezzjoni, il-konvenuti eċċepew, li ma hemm ebda solidarjeta` bejniethom, u li l-atturi għandhom jindikaw id-dispożizzjoni legali jew ftehim espress, li fuqhom qed jibbażaw il-pretensjoni ta' solidarjetà bejn il-konvenuti.

44. Fi kliem ieħor, il-konvenuti sostnew, li m'hemmx lok għal responsabbilta solidali bejniethom.

45. Jirriżulta li Andrew Schembri, meta xehed quddiem il-perit legali, sostna li l-lanċa *Comino Princess*, kienet il-lanċa appartenenti lill-kumpanija tagħhom, Sea Star Cruises Company Limited. Madankollu, ma nġiebet ebda dokumentazzjoni in sostenn ta’ tali allegazzjoni. Apparti minn hekk, il-każ in eżami ġie ippreżentat kontra Andrew Schembri, Christopher Sant u kontra is-soċjeta’ Sea Star Cruises Company Limited.

46. Peress illi l-intimati ma ressqu ebda provi in sostenn ta’ dak minnhom allegat, din l-eċċezzjoni ma tistax treġġi għaliex il-kawża saret fil-konfront ta’ kulħadd, b’hekk ma jistax jingħad li l-konveuti mhumiex resposnabbli b’mod solidali. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan huwa sempliċement tentattiv sabiex il-konvenuti jiskulpaw ruħhom.

47. Għalhekk, tiċħad ir-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuti.

## Meritu tal-każ

48. L-atturi qed jikkontendu li konsegwenza tal-aġir negliġenti w imprudenti tal-konvenuti, għandhom jinstabu responsabbli għad-danni sofferti.

49. L-ilment ta' l-atturi, huwa ippernjat prinċipalment, fuq in-nirien li seħħew fil-lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Settembru 2000, fejn il-lanċa ta' l-atturi sfat maħruqa wara n-nirien li ħakmu lill-lanċa tal-konvenuti, li kienet marbuta ħdejn il-lanċa tal-istess atturi fil-Veccja San Pawl il-Baħar.

50. Fis-sottomissjonijiet tal-atturi, ħie sostnut li l-konvenuti ma ippruvawx dak allegat minnhom. Dan għaliex, il-konvenuti fl-andament ta' dan il-każ, jitfgħu it-tort fuq ċertu Jonathan Grech, iben George Grech, kompetituri tagħhom fix-xogħol, li f' inċident partikolari tal-14 ta' Awissu 2000, kien hemm theddid fil-konfront tal-konvenuti, li jkissrulhom id-dgħajsa. Madankollu, jiġi osservat li l-intimati la ressqu lil Jonathan Grech u lanqas lix-xhud Joswil Grech, għalkemm kien hemm l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għal dawn ix-xhieda fi stadju meta l-provi kienu ilhom ġia magħluqin wara tmintax-il sena! L-intimati allegaw fil-mori ta' din il-proċedura, illi Joswil Grech, kien involut fil-ħruġ tal-bastiment 'Mermaid' f'każ ieħor, fejn kien ġie sostnut li Jonathan Grech u George Grech kienu kompliċi miegħu, u għalhekk, peress illi Joswil Grech kien involut f'ħarqa ta' dgħajsa oħra, li ma għandha x'taqsam xejn mal-każ odjern, għalhekk huwa kien involut fil-ħarqa tad-dgħajsa tagħhom ukoll, *Comino Princess*.

51. Din il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li dawn l-allegazzjonijiet da parti tal-konvenuti ma jfissru xejn, għaliex mhumiex sorretti u ikkorroborati bil-provi. Hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probani incubit ei qui dicit non ei qui negat* (**Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Vol. XXXVII-I-578).

52. Mhuwiex suffiċjenti li l-konvenuti jallegaw fatti mhux ippruvati sempliċement biex jippruvaw jiskulpaw ruħhom. L-unika prova li saret f'dan ir-rigward kienet is-sentenza eżebita fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Jonathan Grech u George Grech*** deċiża mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' April 2019, (fol 551 et suquitur), liema sentenza ma sabitx ħtija fil-konfront ta' Jonathan Grech u George Grech. Konsegwentement, fil-karenza ta' prova, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, dawn l-allegazzjonijiet tal-konvenuti ser jiġu skartati.

53. Jiġi puntwalizzat, li kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-konvenuti, jinsab ivverbalizzat fis-seduta li nżammet mill-periti ġudizzjarji fis-6 ta' Mejju 2003, (fol 199) fejn ġie verbalizzat is-segwenti:

> "*Il-partijiet jaqblu illi mir-relazzjoni tal-Professur Alfred Vella m'għandhomx jitqiesu x-xhieda li sema', u l-valutazzjonijiet dwar l-istess xhieda minnu magħmula, kif ukoll l-opinjonijiet minnu espressi fir-relazzjoni.*"

54. Il-Professur Alfred Vella, li kien maħtur waqt l-inkjesta kien sab il-'*main switches'* 'on', fuq il-lanċa Comino Princess, b'hekk ikkonkluda li l-ħruq kien aċċidentali kkawżat b' 'short circuit'.

55. Iżda jirriżulta minn verbal hawn fuq imsemmi, li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-opinjonijiet kif espressi fir-relazzjoni tal-Professur Alfred Vella, m'għandhomx jitqiesu u m'għandhomx jiġu kkunsidrati għall-fini ta' dan il-każ. Dana ma jfissirx, iżda, illi dak li seta' jikkonstatata viżwalment l-abbli Professur Alfred Vella ma għandux jitqies fil-każ odjern.

56. Il-konvenuti eċċepew u ssottomettew li ma kien hemm l-ebda negliġenza jew imprudenza da parti tagħhom, iżda in-nar ġie ikkaġunat konsegwenza ta' riħ qawwi li ħakem dakinhar, u kkaġuna n-nar. Għalhekk, qed jiġi sostnut li l-inċident kien konsegwenza ta' forza maġġuri, fejn il-ħsara li tiġri ibatiha kull min iġarrabha.

57. Madankollu, dak sostnut mill-konvenuti mhuwiex sorrett bil-provi u ma jirriflettix dak ikkonstatat mill-esperti tal-Qorti.

58. Min-naħa l-oħra, l-atturi jirreferu għar-rapport peritali eżebit fol 138, fejn ġie ikkonfermat li l-konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti. Ġie sottomess ukoll fis-sottomissjonijiet, li d-danni relattivi ġew indikati fir-rapport peritali li ma ġiex bl-ebda mod ikkontestat mill-attur, u li għall-finijiet tat-talbiet kif dedotti, l-attur qed jistrieħ fuq dan ir-rapport peritali.

59. F' dan il-kuntest, tajjeb tiġi indikata il-konklużjoni dwar ir-responsabbiltà għall-inċident fir-rapport peritali, fejn ingħad is-segwenti: (fol 168-170)

> *25. L-esponenti perit tekniku u perit legali raw l-atti kollha tal-kawża, eżaminaw id-dokumenti li ġew prodotti mill-partijiet, inklużi ritratti u video, raw partikolarment ix-xhieda tal-attur, Emanuel Sant u dik tas-surveyor Publius Spiteri, mogħtija fl-aħħar seduta li nżammet, raw illi l-lanċa tal-atturi kienet diġa sofriet ħsarat estensivi f'maltempata fl-1988 u kienet ġiet riparata, raw fl-aħħar nett il-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit forensiku, il-Professur Alfred Vella, u jikkonkludu fl-ewwel lok, illi l-ħruq fuq lanċa Comino Princess kien ta' natura inċidentali u mhux doluża u ġara għaliex ma ttieħdux il-prekawzjonijiet neċessarji mill-konvenuti meta dawn fil-lejl bejn is-7u t-8 ta' Settembru 2000 niżlu minn fuq il-lanċa tagħhom.*
>
> *26. Fil-fatt, irriżulta li l-konvenuti ħallew 'partijiet tas-sistema elettriku tal-lanċa, illi jew kienu mikxufin jew li ma kinux protetti biżżejjed kontra l-ingress tal-ilma, b'mod illi setgħu jintlaħqu u xxarbu bin-nida u bix-xita, li kienet niżlet matul dak il-lejl. Dan l-ilma li dejjem jiġbor xi ftit tas-salinità, huwa konduttur tajjeb ta' l-elettriċità u meta jippenetra ġewwa ċerti komponenti jista' faċilment jikkawża 'short circui't u ċioe` passaġġ ta' kurrent elettriku intern, li jwassal għal ġenerazzjoni ta' temperaturi għolja u ta' ħruq u tidwib ta' 'insulation' u saħansitra tal-metall, u ċioe` 'copper wires'. Fil-fatt, dan il-ħruq u tidwib ta' insulation u copper wire, jista' jiġi identifikat u kkonfermat mir-ritratti eżebiti.*

*Ir-riħ ta' dakinhar seta' kompla għen sabiex l-ilma tax-xita jilħaq aktar partijiet tal-lanċa (ara paragrafu 21).*

*27. Irriżulta wkoll li l-konvenuti ħallew iż-żewġ 'main switches on' meta suppost dawn kellhom jintfew. Kien is-switch P li ikkawża l-ewwel short circuit li ta bidu għall-ħruq fuq il-lanċa Comino Princess (ara paġna 12 tar-rapport tal-espert forensiku il-professur Alfred Vella u para. 24 ta' konsiderazzjonijiet aktarx u konklużjonijiet tal-esponenti perit tekniku, aktar 'il fuq f'din ir-relazzjoni). Dan in-nar sussegwentement inxtered u wassal biex ħadet in-nar anke il-lanċa tal-attur.*

***28. B'hekk il-ħruq inċidentali li beda fuq il-Comino Princess kien il-konsegwenza tan-negliġenza da parti taż-żewġ konvenuti. Billi l-istess nar inxtered għal fuq il-lanċa tal-atturi u din hija wkoll sofriet ħsarat konsiderevoli bil-ħruq, fil-fehma tal-esponenti il-konvenuti għandhom jirrispondu kompletament u unikament għall-ħsara li sofrew l-istess atturi minħabba l-ħruq tal-lanċa tagħhom.***

60. Din il-Qorti tkompli tirreferi għal konklużjonijiet fir-rapport peritali rigwardanti likwidazzjoni ta' danni, fejn ingħad: (175-176)

*39. Tenut kont tal-fatti kollha li rriżulta mill-provi b'mod partikolari l-eta` tal-lanċa tal-atturi, u dik tal-magni u apparat tas-sajd u tan-navigazzjoni li kien hemm fuqha, kif ukoll tal-fatt illi dan kollha fil-maġġoranza l-kbira tagħhom, kienu ġia sofrew ħsarat konsiderevoli f'inċident preċedenti f'maltempata, fl-1988; tenut kont ukoll tal-prezz illi effettivament kien tħallas mill-atturi għall-istess dgħajsa, attrezzi u apparat, fi żmien li jinxtraw, u d-deprezzament konsiderevoli tagħhom fuq medda ta' snin twal, għalkemm dan ivarja minn item għal oħra, l-esponenti arbitrio boni viri jillikwidaw il-ħsara sofferta mill-atturi (damnum emergens) fl-ammont ta' LM 9000 komputanti hekk:*

| | | |
|---|---|---|
| - | *Lanċa inkluzi cabin kitchen etc.* | *LM 5000* |
| - | *Magni* | *LM 2000* |
| - | *Apparat tan-navigazzjoni u sajd* | *LM 2000* |
| - | *Total* | *LM 9000* |

*40. Il-kumpens likwidat għandu jiġi mħallas mill-konvenuti lill-atturi, b'dana li l-atturi jibqagħlhom id-dritt għall-hull u għall-magni u attrezzi oħra li setgħu salvaw minn fuq il-lanċa.*

61. Referibbilment, għal-likwidazzjoni ta' danni *lucrum cessans* fir-rapport peritali ingħad:

*41. Anke fil-likwidazzjoni tal-lucrum cessans, il-periti esponenti ma jistgħux ħlief jaslu biex jillikwidaw kumpens arbitrio buoni viri, wara li jieħdu in konsiderazzjoni il-fatti li jirriżultaw mill-provi.*

*42. Irriżulta illi bil-lanċa tal-atturi kien isir sajd fuq il-baħar u id-dħul kien jinqasam f'għaxar ishma. Minn dawn Emanuel Sant kien imissu ħames (5) ishma – ċioe` 2 tal-lanċa, 2 tar-rimja, u 1 talli kien jaħdem hu ukoll bħala baħri. Dan jirriżulta kemm ix-xhieda ta' iben l-attur, Peter Sant, kif ukoll minn eżami ta' dokumenti B, C, D u F.*

*43. Minn dan id-dħul Emanuel Sant, ried inaqqas l-ispejjeż li kien jinkorri fil-ġestjoni tal-mistier tas-sajd.*

*44. Mill-kopji tal-formoli tal-income tax esebiti mill-attur, jirriżulta illi dan kien jiddikjara bħala 'profitt net' (wara li jkunu tnaqqsu l-ispejjeż kollha) mill-mistjer tiegħu kif jidher hawn taħt:*

*Sena Bażi Profitt Nett*

| | |
|---|---|
| *1997 (Dok F)* | *LM 2448.73* |
| *1998 (Dok C)* | *LM 1529.41* |
| *1999 (Dok B)* | *LM 1370.17* |
| *2000 (Dok D) (9 xhur)* | *LM 1375.63* |

*Huma doverużi tliet konsiderazzjonijiet:*

*i) il-profitt nett għas-sena 2000 irid jiżdied b'ammont ta LM 450 kalkolat bħala l-profitt għall-aħħar tliet xhur u li għalhekk jagħti ġo tant profitt nett irrealizzat u potenzjali ta LM 1,826 għal dik is-sena.*

*ii) Il-profitt sħiħ nett li kien imiss lill-attur kien għall-użu ta' lanċa, rimja u sehem għal xogħol ta' baħri – Ara wkoll ix-xhieda ta' Peter Sant.*

*iii) Mill-profitt nett annwu, is-sehem li kien jipprevjeni lill-attur għall-użu ta' lanċa kien 2/5 (żewġ ishma minn ħamsa).*

62. Fl-istess rapport peritali ikompli jingħad hekk rigward id-danni *lucrum cessans*:

*46. Illi l-esponenti ikkunsidraw id-dħul nett kif dikjarat mill-istess attur lill-awtoritajiet tat-taxxa għas-snin fuq indikati, u miegħu żiedu LM 450 li potenzjalment l-attur seta' qala' kieku ħadem l-aħħar tliet xhur tas-sena 2000. Dan jagħti total tad-dħul nett għall-attur ta' LM 7,174 fuq medda ta' erba' snin.*

*Minn dan joħroġ illi il-medja ta' profitt nett għal kull sena kienet ta' Lm1,793 li minnhom is-sehem li kien imiss lill-attur għall-użu tal-lanċa kien 2/5 ċioe` LM 717.40.*

*47. L-esponenti huma tal-fehma illi l-attur, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ħaqqu jieħu kumpens ta' sena, għat-telf ta' profitt minnu sofferti minħabba li ma setax juża l-lanċa tiegħu minħabba s-sinistru mertu ta' dan il-każ.*

*48. Fil-fehma tal-periti esponenti, dan il-kumpens huwa adegwat billi bħala konsegwenza diretta tal-ħruq tal-lanċa tiegħu, l-attur kien impedut biss milli juża l-istess dgħajsa. Rigward ir-rimja, din xorta waħda, setgħet tiġi mistada b'lanċa oħra u x-xogħol tal-attur bħala baħri seta' ġie eżegwit fuq opra oħra.*

***Rikapitulazzjoni***

*49. Ir-responsabbiltà għall-inċident tal-ħruq tal-lanċa tal-atturi fit-8 ta' Settembru 2000, taqa' unikament fuq il-konvenuti.*

*50. L-ammont ta' kumpens lill-atturi għandhom jirċievu mingħand il-konvenuti jammonta għal LM 9,717.40 (disat elef seba' mija u sbatax-il lira Maltija u 40 ċenteżmu) – maqsum f'LM 9,000 (disat elef lira maltija) damnum emergens u LM 717.40 (seba' mija u sbatax il-lira maltija u erbgħin ċenteżmu) lucrum cessans, b'dan pero li l-atturi għandhom id-dritt illi jżommu kwalunkwe ħaġa li salvaw mil-lanċa tagħhom wara l-ħruq."*

63. Tajjeb jiġi osservat li l-attur ippreżenta l-kwantifikazzjoni tiegħu ta' danni permezz ta' prospett fol 41 *et sequitur* tal-proċess, u kif ukoll fol 277 *et sequitur*.

64. Jirriżulta illi, il-periti ġudizzjarji, fir-rapport peritali tagħhom, ikkonkludew li l-ammont ta' kumpens li għandhom jirċievu l-atturi jammonta għal LM 9,717.40 ekwivalenti għal € 22,634.73.

65. Din il-Qorti tosserva li dak relatat mill-periti tekniċi, fir-rapport tagħhom, qatt ma giet b'xi mod ikkontestat, anzi ġie sottomess li l-attur qed jistrieħ fuq dan ir-rapport. Mill-banda l-oħra, l-intimati qatt ma għamlu ebda tentattiv sabiex jagħmlu xi tip ta' eskussjoni tal-periti esperti nominati mill-Qorti. Minflok, l-intimati kull ma għamlu huwa illi llimitaw ruħhom illi jitolbu għal ħatra ta' Periti Perizjuri, liema talba, debitament akkordata, wasslet għal tkaxkir tal-kawża għal aktar minn ħdax-il sena, fejn ma sar assolutament xejn, sakemm dina il-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti u rrevokat id-digriet tal-ħatra tal-Periti Perizjuri peress illi kien ovvju li ma kien xejn aktar minn tentattiv ta' l-intimati biex itawlu il-kawża inutilment, ħaħa illi rnexxielhom jagħmlu għal aktar minn ħdax-il sena – din il-Qorti ser tipprovdi dwar tali dewmien intenzjonali da' parte ta' l-intimati meta tkun qiegħda tikkunsidra l-kwistjoni dwar l-imgħax.

66. Fil-fatt, l-insenjament ġurisprudenzjali, huwa fis-sens li għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant, bħal kull prova oħra, il-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kif jingħad fl-artikolu 681 tal-Kap 12, madankollu skartar tal-ġudizzju espress mill-espert m'għandux isir b'mod leġġer. (Ara **Valenzia Alexia Muscat vs Direttur Ġenerali tas-Saħħa Pubblika et**, deċiża fis-7 ta' Lulju 2009). Għalhekk, il-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li il-konklużjoni ta' tali relazzjoni ma kinitx ġusta u korretta, jew jekk jirriżultaw raġunijiet gravi biex ma tadottax dak ikkonstatat fl-opinjoni teknika. (Ara

**Anthony Cauchi vs Carmel sive Charles Mercieca**, deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999; **John Saliba vs Joseph Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 2001; **Brian Cachia et vs Marc Vella** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Jannar 2015.

67. Għaldaqstant, meqjus b'mod akkurat, dak ikkonstatat fir-rapport peritali, din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tadotta il-kunsiderazzjonijiet konstatati f'dan ir-rapport.

68. Għalhekk, isegwi li jiġu trattati it-talbiet dwar danni kif jemerġu mit-talbiet kif promossi fir-rikors promotur.

69. Jiġi ritenut, li d-danni jeħtieġu, ness ta' kawża u effett, bejn l-att jew ommissjoni ħażina da parti ta' naħa u d-danni sofferti da parti ta' naħa oħra. Kif diġa' ribadit, aktar 'il fuq, dan in-ness ta' kawża u effett, bejn l-allegat att jew ommissjoni da parti tal-konvenuti u d-danni attwalment sofferti mill-atturi, jirriżultaw b'mod ċar kif ikkonfermat fir-rapport peritali a fol 138 tal-proċess.

70. Għaldaqstant, fil-każ in eżami, jirriżulta manifestament ċar, li n-ness u l-att jew ommissjoni ta' parti tal-konvenuti kienet il-kawża tal-ħruq tal-laneċ, u li ddistruġġiet il-lanċa tal-atturi bl-isem Santa Maria Numru 75, kwindi jirriżulta li l-konvenuti ikkawżaw id-danni reklamati u pretiżi mill-atturi. Fil-fatt, l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem ċar dwar dan, fejn l-**Artikolu 1045(1) tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha ikun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

71. Minn din id-disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni sofferti.

72. Fil-każ in eżami, ladarba jirriżulta li l-att jew ommissjoni tal-konvenuti, kellha effett dirett fuq il-ħruq ikkaġunat lill-lanċa tal-atturi, konsegwentement, din il-Qorti tqis li t-talbiet tal-atturi għad-danni huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

73. Għaldaqstant, ser tilqa' it-talbiet tal-atturi għall-motivi spjegati.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-attur u tal-konvenuti;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti għar-raġunijiet spjegati.

**Tilqa’** t-talbiet tal-attur kif ġej:

**Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara, lill-konvenuti, in solidum bejniethom, responsabbli għan-nar li sofriet il-lanċa tal-atturi u għad-danni ikkaġunati mill-istess nar liema responsabbiltà, hija tal-konvenuti in solidum.

**Tilqa'** t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' € 22,634.73.

**Tilqa'** t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti, in solidum bejniehom biex iħallsu lill-atturi id-danni hekk likwidati fl-ammont ta' € 22,634.73.

Bl-ispejjeż kompriżi tal-ittra bonarja, u dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta’ Lulju 2001, b' żewġ notifiki u bl-imgħax skont il-liġi mit-22 ta’ April 2008, data meta l-ammont ġie likwidat mill-Periti tal-Qorti, sad-data tal-pagament effettiv, lkoll a kariku ta’ l-kovenuti in solidum flimkien.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur